**PRIM'AWLA QORTI CIVILI**
**ONOR IMHALLEF ANNA FELICE**

**Illum 27 ta' Novembru, 2017**

**Rikors Guramentat Nru: 868/2009 AF**

**Nicholas Cassar**

**vs**

**Ronaldo Cusimano**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ġuramentat tal-attur Nicholas Cassar, li permezz tiegħu wara li ġie premess illi:

L-esponenti inkariga lill-intimat sabiex jinstalla *lift* fil-fond 46, South Street, Valletta, liema inkarigu kien jinkludi, fost affarijiet ohra, *sourcing* u xiri ta' *lift* u l-makkinarju relattiv, l-installazzjoni tal-*lift* u l-makkinarju relattiv, u konsulenza marbuta mal-istess xogholijiet.

L-intimat naqas milli jwettaq l-appalt moghti lilu skond l-arti u s-sengha, u dana apparti li qabad u ittermina f'mod unilaterali l-appalt permezz ta' ittra datata 2 ta' Gunju 2009.

Bhala konsegwenza tal-agir tal-intimat l-esponenti inkorrew danni ingenti, ghal liema danni huwa esklussivament responsabbli l-intimat.

Intalbet din il-Qorti sabiex:

1. Tiddeciedi u tiddikjara illi l-intimat ikkawza danni ingenti lill-esponenti bhala konsegwenza tan-nuqqas tieghu li jespleta l-appalt moghti lilu skond kif tirrikjedi l-arti u s-sengha, kif ukoll talli abbanduna l-appalt unilateralment qabel ma gie ikkompletat.

2. Tordna u tikkundanna lill-intimat sabiex ihallas lill-esponenti dawka d-danni li ghandhom jigu likwidati minn dina l-Onorabbli Qorti, jekk mehtieg bl-assistenza ta' perit nominandi.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-mandati kawtelatorju ta' qbid u ta' sekwestru prezentati kontestwalment.

Rat id-dokumenti annessi.

Rat ir-risposta ġuramentata tal-konvenut Ronaldo Cusimano, li permezz tagħha eċċepixxa illi:

Mhux minnu li l-intimat kellu inkarigu minghand ir-rikorrenti dwar 'sourcing' u xiri ta' *lift* u l-makkinarju relattiv. Dan kollu sar mir-rikorrenti u dahhlu lill-intimat fl-izmuntar tal-*lift* mill-"Jerma Palace" u biex jerga' jimmuntah fil-fond tar-rikorrenti f'numru 46, Triq Nofs in-Nhar, il-Belt Valletta.

Ir-rikorrenti qatt ma qaghdu fuq il-parir tal-esponenti dwar kif kellu jsir ix-xoghol mehtieg, tant li nkarigaw lil terzi persuni biex ghamlu x-xibka, i.e. l-innolukru tal-*lift*.

Dana fil-fatt ma sarx skond is-sengha u l-arti mit-terzi, li ghamluh 'fuore piombo'.

L-intimat biex jesegwixxi l-appalt tal-immuntar tal-*lift*, sab diffikultajiet kbar. Ir-rikorrenti u wliedu dahhlu lill-esponenti f'xoghol zejjed u aggravanti ghalih biex ikompli b'xogholu.

Kien hemm kontinwament indhil mir-rikorrenti u wliedu fix-xoghol tal-esponenti li bdew jaggravaw x-xoghol tieghu u kellu jirrinuncja ghall-appalt stante li ma setax jerfa' responsabbilità ghal dak kollu li ried ir-rikorrenti u wliedu.

Sadanittant il-makkinarju kollu mixtri mill-esponenti fl-interess tar-rikorrenti jinsabu ghandu u l-esponenti ma kkawza l-ebda dannu lir-rikorrenti u ma ghandu jtih xejn.

Ghaldaqstant l-esponenti jeccepixxi bir-rispett illi kien ir-rikorrenti u wliedu li ma hallewx lill-esponenti jesegwixxi l-mandat b'indhil li ma hallihx jahdem skond is-sengha u l-arti u kellu jieqaf mill-appalt u illi huwa ma kkawza l-ebda dannu lir-rikorrenti.

Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti.

Semgħet ix-xhieda prodotti.

Rat li l-kawża tħalliet għas-sentenza.

Rat l-atti kollha tal-kawża.

Ikkunsidrat illi permezz ta' din l-azzjoni, l-attur qiegħed jitlob lill-Qorti tikkundanna lill-konvenut jagħmel tajjeb għad-danni allegatament kawżati lilu konsegwenza tan-nuqqas tal-konvenut milli jespleta l-appalt mogħti lilu skont l-arti u s-sengħa, kif ukoll għaliex dan l-appalt ġie abbandunat mill-konvenut qabel ma ġie kompletat.

Mill-provi prodotti jirriżulta li l-attur kien inkariga lill-konvenut sabiex jinstalla *lift* fil-fond 46, South Street, Valletta. Peress illi dan il-*lift* inxtara mill-attur bl-irkant mill-Jerma Palace Hotel, il-konvenut ġie inkarigat ukoll sabiex iżarma dan il-*lift* u jagħmel it-tibdiliet neċessarji, inkluż xiri tal-apparat kollu meħtieġ, sabiex l-istess *lift* jiġi nstallat ġewwa l-proprjetà tal-attur. L-attur ħallas €1,263.69 sabiex xtara dan il-*lift*. Sussegwentement, l-attur ħallas lill-konvenut l-ammont komplessiv ta' €10,406.47 għax-xogħol ta' żmuntar, pjanti relattivi, xiri ta' apparat, superviżjoni u xogħol ieħor meħtieġ. L-attur kien inkariga wkoll lil ċertu Martin Debono sabiex

jagħmel l-istruttura tal-ħadid li kellha sservi bħala l-qafas ta' dan il-*lift*.

L-attur jgħid illi mingħajr pre-avviż, il-konvenut irritorna ċ-ċavetta tal-post fejn kien qiegħed isir ix-xogħol ta' installazzjoni ta' dan il-*lift*, b'dan illi l-konvenut abbanduna l-appalt qabel ma ġie kompletat. L-attur inkariga lill-Inġinier Ray Spiteri sabiex jagħmel rapport dwar il-*lift* in kwistjoni u x-xogħol li kien laħaq għamel il-konvenut. L-Inġinier Spiteri jgħid illi dan il-*lift* qatt ma seta' jiġi installat mill-ġdid skont l-arti u s-sengħa għaliex ma kienx adattat sabiex jintuża bħala *passenger lift* fil-proprjetà tal-attur u l-ebda ammont ta' modifiki ma kienu ser irenduh tajjeb għall-użu li għalih inxtara. Huwa jikkumenta wkoll illi l-pjanti magħmula mill-konvenut dwar kif ser isir ix-xogħol mhumiex verifikati minn inġinier u lanqas minn perit. L-inġinier Spiteri jikkonkludi li l-*lift* in kwistjoni m'għandu l-ebda valur kummerċjali għaliex l-apparat li xtara l-konvenut sabiex jiġi installat dan il-*lift* qatt ma setgħu jintużaw għal dak l-iskop. Huwa jikkonkludi wkoll illi kieku saret l-installazzjoni, il-*lift* in kwistjoni ma kienx ser ikun konformi mal-liġi bir-riżultat illi kien ser ikun ta' periklu għal kull min seta' użah. Għar-rapport imħejji mill-Inġinier Spiteri l-attur ħallas €198.24.

Da parti tiegħu, il-konvenut jeċċepixxi li huwa ma kienx inkarigat sabiex jagħżel il-*lift* u l-makkinarju relattiv iżda biss għall-iżmuntar mill-Jerma Palace Hotel u installazzjoni tiegħu fil-proprjetà tal-attur. Huwa jeċċepixxi wkoll illi l-attur qatt ma kien joqgħod fuq il-pariri li kien jaghtih u li l-qafas tal-*lift* ma sarx skont is-sengħa u l-arti. Huwa jkompli billi jgħid illi sab diffikultajiet kbar sabiex ikompli bl-appalt għaliex l-attur u wliedu kienu jindaħlulu f'xogħlu u stante li ma setax jerfa' r-responsabiltà ta' dak kollu mitlub minnu, huwa kellu jabbanduna l-appalt. Għalhekk, huwa jeċċepixxi wkoll illi ma kkawża l-ebda danni lill-attur.

In linea ta' prinċipju ġenerali, fil-kawża fl-ismijiet Pierre Darmanin vs Moira Agius et, deċiża mill-Qorti tal-Appell Inferjuri fis-6 ta' Ottubru 2004, intqal hekk dwar il-kuntratt t'appalt:

*"(1) Bhala l-ewwel principju huwa dottrinalment u gurisprudenzjalment ricevut illi l-appaltatur ghandu l-obbligu li jezegwixxi x-xoghol lilu kommess fis-sens li huwa ghandu l-obbligu wkoll li jara li dan ix-xoghol ikun sejjer isir utilment u mhux b'mod li l-quddiem juri difetti. "L'imprenditore ha l'obbligo di eseguire bene l'opera commessagli, secondo i dettami dell'arte sua, e deve prestare almeno una capacita` ordinaria" (**Kollez Vol XXVII pI p373**). Dan fis-sens li hu "ghandu jiggarantixxi l-bonta` tax-xoghol tieghu" (**Kollez Vol XL pI p485**).*

*(2) "L-appaltatur li jezegwixxi hazin ix-xoghol li jifforma l-oggett ta' l-appalt huwa responsabbli ghad-dannu kollu li jigi minn dik l-ezekuzzjoni hazina" (**Kollez. Vol XXXVII pIII p883**). Ghax kif jinsab ritenut ukoll "f'kaz bhal dan hu ghandu mill-ewwel ma jaghmelx ix-xoghol jew ikollu jirrispondi ghad-difetti li jigu l-quddiem" (**Mario Blackman -vs- Carmelo Farrugia et noe**", Appell Kummercjali, 27 ta' Marzu 1972).*

*(3) Dan hu hekk avvolja jkun hemm l-approvazzjoni tax-xoghol (**Kollez. Vol XLI pI p667**) jew l-appaltatur ikun mexa skond l-ispecifications jew l-istruzzjonijiet lilu moghtija mill-kommittent. "E` dovere dell'appaltatore di resistere ad ordini che egli vedesse pregiudizievoli alla solidita` e contrarii alle buone regole dell'arte" (**Kollez Vol XXV pI p727**). Kif ahjar imfisser u spjegat, "l-appaltatur hu obbligat u hu dejjem responsabbli li jaghti lill-appaltant opra sodisfacenti, u ma jistax jallega li x-xoghol sar mhux sewwa ghax hu ghamlu kif ried il-kommittent, billi l-appaltatur hu obbligat jirrezisti ghal kwalunkwe intromissjoni tal-kommittent" (**Kollez. Vol XLII pII p1003).***

*(4) Huwa pacifiku ukoll illi l-hlas tal-prezz tal-appalt jew il-hlas akkont ma jfissrux necessarjament approvazzjoni tax-xoghol jekk dan fil-fatt jirrizulta difettuz (**Kollez. Vol XLI pII p892**);*

*(5) Meta allura jirrizultaw dawn id-difetti, kif certament hu l-kaz in ispecje, l-appaltatur jitqies in kolpa minhabba*

*inadempiment. "Il-kolpa kontrattwali hija dik li tikkonsisti fin-nuqqas ta' l-ezekuzzjoni, jew f'ezekuzzjoni hazina, ta' l-obbligazzjoni rizultanti mill-kuntratt" (**Kollez. Vol XXXVIII pI p292**).*

*(6) Effettivament, it-tutela akkordata mil-ligi lill-kommittent tinkwadra ruhha fl-ambitu ta' dik ir-responsabilita` kontrattwali normattiva minhabba inadempiment. Li jfisser li l-kommittent jista' jopta li jagixxi gudizzjarjament jew bl-ezekuzzjoni specifika ta' l-appalt jew bl-azzjoni li twassal ghar-rizoluzzjoni tal-kuntratt (Art 1069 (1) tal-Kodici Civili). Fil-kaz il-wiehed jew l-iehor il-kommittent ikollu d-dritt jirreklama d-danni (Art 1069 (2))."*

Fil-każ fl-ismijiet Direttur Ġenerali tax-Xogħlijiet Pubbliċi vs Charles Azzopardi, deċiża minn din il-Qorti diversament presjeduta fit-3 ta' Lulju 2003 ingħad ukoll li:

*"L-appaltatur ghandu, f'kull cirkustanza, jesegwixxi l-inkarigu lilu moghti skond l-arti u s-sengha, u jekk jaf li r-rizultat ahhari, ghal xi raguni hi x'inhi, mhux se tkun sodisfacenti, ghandu jirrifjuta' li jaghmel ix-xoghol, u jekk jaghmlu jkun responsabbli ghad-danni (ara "<u>Galea vs Gatt</u>", deciza minn din il-Qorti fil-25 ta' Marzu, 1994).*

*Kif qalet l-Onorabbli Qorti tal-Appell fil-kawza "<u>Farrugia vs Portelli et</u>", deciza fid-9 ta' Ottubru, 1987, "l-appaltaturi ma istghux jezoneraw ruhhom minn responsabbilita' ghax-xoghol li ghamlu kontra s-sengha fuq torba ghasra billi jghidu li dan ghamluh fuq ordni u/jew fuq insistenza tas-sid. L-appaltatur huwa dejjem responsabbli jippresta opra sodisfacjenti u obbligat jirrezisti ghal kwalunkwe intramissjoni tal-kommittent. Anke kieku s-sidien kienu jafu bit-tqeghid ta' madum fuq xahx imxarrab ghasar u riedu jiehdu r-riskju, l-istess appaltaturi jibqghu responsabbli ghax dover taghhom li jipprestaw opra sodisfacenti u jirrezistu kwalunkwe intramissjoni ta' min jinkarikahom". (ara wkoll, fl-istess vena, id-decizjoni moghtija mill-Onorabbli Qorti tal-Kummerc fis-7 ta' Jannar, 1992, fil-kawza "<u>Galea vs Chircop</u>", u dik moghtija minn din*

*il-Qorti fit-18 ta' Marzu, 1994, fil-kawza "Bonnici vs Abdilla").*

*Hekk ukoll, l-Onorabbli Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fil-kawza "Camilleri Marble Works Ltd vs Bowd", deciza fl-20 ta' Jannar, 2003, qalet li kuntrattur ghandu jirrezisti kull indhil fix-xoghol tieghu li jwasslu ghall-bini ma jkunx skond l-arti u s-sengha.*

*L-appaltatur huwa obbligat li jikkonsenja xoghol skond is-sengha tieghu u tajjeb ghall-uzu li hu previst. Hu responsabbli ghar-rizultat li jaghti u hu ghandu obbligu jara li r-rizultat ikun sodisfacjenti ghall-kommittent."*

Finalment, fis-sentenza tagħha fl-ismijiet Jesmar Valletta et vs Patrick Grech et, deċiża fl-20 ta' Marzu 2003, din il-Qorti diversament presjeduta kienet qalet hekk:

*"L-appaltatur għandu jwettaq ix-xogħol li tqabbad jagħmel b'mod li jrid jiżgura li dan isir sewwa u jkun tajjeb għall-għan li għalih intalab. Jekk appaltatur ma jkunx ċert li x-xogħol li sejjer jagħmel se jkun tajjeb għar-raġuni li għaliha ntalab, imissu ma jaċċettax li jagħmlu: fin-nuqqas, irid iwieġeb għal kull nuqqas li joħroġ 'il quddiem mhux għal raġunijiet attribwibbli lill-appaltant.*

*Illi jekk appaltatur jaf li m'huwiex tas-sengħa fix-xogħol minnu mitlub jew m'għandux esperjenza biżżejjed, imissu mill-ewwel jirrifjuta li jidħol għal dik il-biċċa xogħol, u jibqa' responsabbli għal kull nuqqas ukoll jekk daħal għax-xogħol fuq insistenza tal-appaltant, jew bil-mod dettat minn dan."*

Applikati dawn il-prinċipji għall-kawża tal-lum, il-Qorti tibda billi tqis li l-verżjoni tal-attur hija l-aktar waħda verosimili, filwaqt illi l-konvenut naqas milli jressaq provi xierqa sabiex jissostanzja l-eċċezzjonijiet tiegħu.  Wara kollox, huwa ben stabbilit li min jallega jrid jipprova.

Il-konvenut jibbaża d-difiża tiegħu fuq indħil da parti tal-attur u wliedu, u xogħol ħażin li sar fuq il-qafas tal-ħadid tal-*lift* minn Martin Debono.  Madanakollu, huwa naqas milli jressaq prova

sodisfaċjenti ta' dan kollu. Billi ulied l-attur ma qablux mieghu dwar il-bibien tal-*lift*, u Debono kellu jagħmel xi modifiki żgħar fuq l-imsemmi qafas, ma jfissirx illi l-konvenut ma setax ikompli l-inkarigu minħabba indħil u lanqas illi x-xogħol fuq il-qafas ma sarx skont is-sengħa u l-arti b'mod li ma setax ikompli jeżegwixxi l-appalt.

Il-konvenut jikkontendi wkoll li mhuwiex minnu li huwa kien mar il-Jerma Palace Hotel flimkien ma' bint l-attur sabiex jagħtiha parir dwar liema *lift* għandha tagħżel. Fiċ-ċirkostanzi tal-każ, il-Qorti tqis illi din il-verżjoni tal-konvenut mhijiex verosimili. Stabbilit illi l-partijiet kienu qablu li l-konvenut ser iżarma dan il-*lift* u jerġa jinstallah post ieħor, il-Qorti ssibha diffiċli temmen illi bint l-attur kienet ser tmur tagħżel u tagħmel offerta fuq *lift* mingħajr l-assistenza tal-appaltatur. Il-Qorti tqis illi huwa rilevanti wkoll illi ma jirriżultax li l-konvenut huwa kwalifikat sabiex jagħmel dan it-tip ta' xogħol u fuq ammissjoni tiegħu stess, illum il-ġurnata huwa m'għadux jagħmel xogħol ta' installazzjoni ta' *lifts*. Lanqas ma jirriżulta li kkonsulta ma inġinier jew perit dwar l-installazzjoni tal-*lift* in kwistjoni.

Isegwi għalhekk illi l-konvenut naqas milli jesegwixxi l-appalt mogħti lilu skont is-sengħa u l-arti kif ukoll abbanduna l-imsemmi appalt meta ma kienx għadu kompletat, u dan mingħajr l-ebda raġuni valida fil-liġi. Skont l-artikolu 1125 tal-Kodiċi Ċivili, kull min jonqos li jesegwixxi obbligazzjoni li huwa jkun ikkuntratta, hu obbligat għad-danni. L-artikolu 1133 jipprovdi li d-debitur, ukoll jekk ma jkunx mexa b'mala fede, jiġi kkundannat għad-danni, jekk ikun hemm lok, sew minħabba li jkun naqas għall-esekuzzjoni tal-obbligazzjoni kemm ukoll minħabba d-dewmien fl-esekuzzjoni tagħha, kemm-il darba hu ma jippruvax illi n-nuqqas tal-esekuzzjoni jew id-dewmien sar minhabba xi ħaġa barranija li tagħha huwa ma kellux ħtija. Finalment, skont l-artikolu 1135, id-danni li għandhom jitħallsu lill-kreditur huma, b'mod ġenerali, għat-telf li jkun bata' u l-qligħ li jkun ġie mtellef.

Il-konvenut għandu għalhekk jiġi kkundannat iħallas lill-attur is-somma komplessiva ta' €11,868.40 li tinkludi l-prezz tal-*lift*,

il-flus kollha li għaddielu l-attur qabel abbanduna l-appalt, kif ukoll għar-rapport imħejji mill-Inġinier Spiteri.

Għal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi billi tilqa' t-talbiet attriċi u tikkundanna lill-konvenut iħallas lill-attur is-somma ta' ħdax-il elf, tmien mija u tmienja u sittin Ewro u erbgħin Ċenteżmu (€11,868.40) bl-imgħax mid-data tas-sentenza.

L-ispejjeż jithallsu mill-konvenut.

IMHALLEF

DEP/REG